MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2008

Appell Civili Numru. 78/2007/1

**Direttur tad-Dipartiment ghal *Standards* fil-Harsien Socjali**

**v.**

**Josephine Arslan**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tad-Direttur rikorrent li jghid hekk:

"Illi dan ir-rikors qiegħed isir *ai termini* ta' l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri (Kap. 410) li bih ġew irratifikati żewġ Konvenzjonijiet dwar l-aspetti ċivili ta' sekwestru nternazzjonali ta' minuri u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet dwar kustodja.

"Illi r-rikors jirrigwarda l-minuri Lara Arslan, li twieldet fis-7 ta' Marzu, 2003 fil-Pieta`, Malta, bint Cezmi Arslan u Josephine Arslan, illi żżewġu fit-22 ta' Settembru, 2001 f'Ħaż Żebbuġ, Malta.

"Illi l-konjuġi Arslan flimkien mal-minuri Lara marru jgħixu fit-Turkija wara Ġunju 2005, u dan wara li l-istess konjuġi kienu biegħu d-dar matrimonjali tagħhom illi kellhom f'Malta.

"Il-minuri ġiet imneħħija lleċitament mis-Sinjura Josephine Arslan mill-*habitual residence* tagħha, jiġifieri t-Turkija, u nġiebet Malta f'Settembru 2006.

"Illi l-Awtorita` Ċentrali ta' Malta ġiet mitluba mill-Awtorita' Ċentrali tat-Turkija sabiex, *ai termini* ta' l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, jiġi skopert fejn tinstab il-minuri u jinkiseb ir-ritorn immedjat tagħha.

"Illi r-rikorrenti huwa infurmat illi l-minuri qiegħda toqgħod flimkien ma' l-omm f'Malta.

"Illi l-Awtorita` Ċentrali ta' Malta ġiet awtorizzata minn Cezmi Arslan, missier il-minuri, sabiex taġixxi għan-nom tiegħu, u dan kif jidher mill-awtorizzazzjoni hawn annessa u mmarkata bħala Dok. AG1.

"Illi l-ġenituri tal-minuri għadhom legalment miżżewġin iżda nbdew il-proċeduri relattivi sabiex jinkiseb id-divorzju fit-Turkija, liema proċeduri għandhom referenza numru 542/2006. Illi permezz ta' Digriet tat-3 ta' Awissu 2006, hawn anness u mmarkat bħala Dok. AG2, il-Qorti tal-Familja tat-Turkija ordnat l-impediment ta' partenza tal-minuri sakemm ikunu konklużi l-proċeduri tad-divorzju bejn il-ġenituri tal-minuri, jew sakemm jingħata Digriet dwar il-kustodja tal-minuri *pendente lite*.

"Illi l-minuri baqgħet tgħix mal-missier filwaqt illi l-omm kienet tingħata aċċess għall-minuri kif jidher mid-

dokumentazzjoni ffirmata mill-istess Josephine Arslan hawn annessa u mmarkata bħala Dok. AG3.

"Illi l-Qorti tal-Familja tat-Turkija permezz ta' Digriet tad-19 ta' Ottubru 2006, hawn anness u mmarkat Dok. AG4, ordnati lli l-missier ikollu l-kustodja tal-minuri sakemm ikunu konklużi l-proċeduri ta' divorzju bejn il-partijiet.

"Illi fil-każ odjern is-Sinjura Josephine Arslan ġabet lil bintha minuri f'Malta u konsegwentement bidlet il-*habitual residence* tagħha mingħajr il-kunsens tal-missier u b'hekk kisret id-drittijiet tar-responsabbilta` parentali u aġixxiet b'mod illeċitu *ai termini* ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni msemmija iktar 'il fuq.

"Illi l-missier għandu d-dritt illi jkun parteċipi fid-deċiżjonijiet importanti fil-bdil tal-*habitual residence* tal-minuri iktar u iktar tenut kont tal-fatt li huwa kien qiegħed jeżerċita d-drittijiet tiegħu ta' ġenitur skond il-liġi tat-Turkija qabel ma l-omm qabdet u neħħiet b'mod illeċitu lil din il-minuri mit-Turkija.

"Għaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna r-ritorn tal-minuri ġewwa t-Turkija u sabiex fil-frattemp tagħti dawk id-direttivi fl-interess tal-minuri konċernata, inkluż avviż lill-awtoritajiet konċernati, biex hija tiġi salvagwardjata milli terġa' tittieħed b'mod illeċitu minn ġo Malta għal xi pajjiż ieħor, liema tneħħija tagħmel ir-ritorn tal-minuri fil-*habitual residence* tagħha ferm iktar diffiċli u dan bi ksur espliċitu tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili tas-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri."

Rat ir-risposta ta' Josephine Arslan li in forza taghha esponiet illi:

"1. Illi l-esponenti permezz tal-preżenti tweġiba qed tirreferi għall-Konvenzjoni Dwar Aspetti Ċivili Fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri (Kapitlu 410 tal-Liġijiet ta' Malta) ħalli din il-Qorti a bażi tar-raġunijiet li hemm fl-Artiklu 13 tasal ħalli tiddeċiedi li m'għandhiex tordna r-ritorn tal-minuri lejn it-Turkija;

"2. Illi *in linea* preliminarja, l-intimata teċċepixxi l-intempestivita` ta' l-azzjoni odjerna *stante* li r-rikorrenti ma rrispettax dak illi huwa mitlub mill-Artiklu 10 tal-Konvenzjoni Dwar Aspetti Ċivili Fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri (Kapitlu 410 tal-Liġijiet ta' Malta), u *cioe`* ma għamel ebda tentattiv sabiex jottjeni r-ritorn volontarju tal-minuri ;

"3. Illi *in linea* preliminari wkoll, il-proċeduri kif intavolati huma żbaljati *stante* li r-rikorrneti qiegħed jaġixxi *ai termini* ta' l-Artiklu 28 tal-Konvenzjoni Dwar Aspetti Ċivili Fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri (Kapitlu 410 tal-Liġijiet ta' Malta), kif jidher ċar mid-dokument immarkat Dok. AG1, u konsegwentament fil-proċeduri odjerni r-rikorrenti kellu jindika li qiegħed jaġixxi għan-nom ta' terza persuna u mhux f'ismu personali;

"4. Illi għandu jingħad illi l-minuri hija ċittadina Maltija, u kif tajjeb indika r-rikorrent, kienet twieldet ġewwa Malta;

"5 Illi llum il-ġurnata l-minuri għandha erba' snin u tliet xhur u tul ħajjitha kollha kull ma għamlet tgħix ġewwa t-Turkija kien biss sena u xahrejn, u l-kumplament ta' ħajjitha hija għexet ġewwa Malta;

"6. Illi l-ġenituri tal-minuri kienu ltaqgħu Malta u kienu żżewġu Malta u kienu jgħixu Malta b'tali mod li stabbilew ir-residenza tagħhom ġewwa Malta, iżda minħabba ċirkostanzi finanzjarji kienu ddeċiedew li jippruvaw jagħmlu żmien ġewwa t-Turkija, peress illi missier il-minuri huwa ta' Nazzjonalita` Torka, sabiex jaraw jekk hemmx prospetti aħjar għall-għixien u x-xogħol tiegħu ġewwa t-Turkija, u għalhekk jidher biċ-ċar illi l-perjodu li l-familja Arslan għexet ġot-Turkija kienet waħda ta' prova;

"7. Illi r-rikorrenti għal xi raġuni jew oħra ma indikax fir-rikors promotur li missier il-minuri kien issekwestra u ħataf il-minuri mid-dar fejn temporanjament kienu qegħdin jgħixu, liema sekwestru kien seħħ fl-24 ta' Lulju 2006, u żammha moħbija u sekwestrata kontra l-volonta` ta' l-esponenti, kif ukoll kontra l-volonta` tal-minuri sad-9 ta' Settembru 2006, meta l-minuri ġiet ritornata korrettament

lil ommha, kif hemm indikat fid-dokument immarkat Dok. AG3 anness mar-rikors promotur;

"8. Illi meta l-missier kien issekwestra l-minuri kif hawn fuq indikat, kien ukoll ħalla lill-esponenti mingħajr mezzi ġewwa pajjiż fejn hija ma setgħetx tikkomunika faċilment ma' l-awtoritajiet, u mingħajr ebda indikazzjoni li kien ser jagħmel dak illi huwa in effetti għamel;

"9. Illi dwar dak kollu allegat fir-rikors promotur fir-rigward tal-*habitual residence* tal-minuri għandu jingħad illi l-minuri taf biss titkellem bil-lingwa Ingliża, lingwa li ċertament ma tintużax ġot-Turkija;

"10. Illi l-Konvenzjoni Dwar Aspetti Ċivili Fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri (Kapitlu 410 tal-Liġijiet ta' Malta) tirrikjedi li persuna li tagħmel talba għal minuri sekwestrata jrid ikollha xi tip ta' kustodja tal-minuri, iżda l-prova preżentata mir-rikorrenti stess, *cioe`* Dok. AG3, turi li l-minuri kienet fil-kustodja ta' l-intimata meta ttieħdet barra mit-Turkija;

"11. Illi d-dokumenti esebiti mir-rikorrenti fir-rigward tal-kustodja tal-minuri huma kollha datati wara l-15 ta' Ottubru 2006, *cioe`* wara li l-minuri in kwistjoni kienet irritornat Malta, u konsegwentament missier il-minuri ma kellux kustodja tal-minuri meta hija telgħet mit-Turkija, u konsegwentament ma jeżistux l-elementi rikjesti mill-Konvenzjoni Dwar Aspetti Ċivili Fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri (Kapitlu 410 tal-Liġijiet ta' Malta) għall-applikazzjoni tar-rimedji mogħtija mill-istess konvenzjoni;

"Għaldaqstant l-esponenti tħoss illi hemm raġunijiet validi fil-liġi ħalli din l-Onorabbli Qorti ħalli bħala l-awtorita` ġudizzjarja ta' l-Istat rikjest (Malta) hija tiddeċiedi li ma tordnax ir-ritorn ta' l-imsemmija minuri lejn it-Turkija."

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-28 ta' April 2008, li in forza taghha cahdet it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-proceduri jkunu bla taxxa;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi l-fatti li taw lok għall-kawża kienu dawn. L-intimata Josephine Arslan u żewġha kienu żżewġu Malta fl-2001 u baqgħu jgħixu hawnhekk sal-2005. Fil-frattemp kellhom lit-tifla, li dwarha hemm dawn il-proċeduri. F'Ġunju 2005 huma marru jghixu t-Turkija billi r-raġel ma kellux xogħol f'Malta, bit-tama li f'pajjiżu jsib xogħol. L-ewwel marru Istanbul u wara Izmir, fejn beda jaħdem. Inqala' disgwid bejniethom u jirriżulta anke skond id-dokument esebit mir-rikorrenti fejn hemm il-verżjoni tal-missier li l-intimata infurmatu li kien fi ħsiebha tiġi Malta bit-tifla. Ir-raġel naturalment ma riedx li jiġri dan u ħa lit-tifla u ma bediex iħalli lill-intimata tkun waħedha bit-tifla. Beda proċeduri fil-Qorti ta' hemmhekk u fit-3 ta' Awissu 2006, il-Qorti ordnat li l-minuri ma titlaqx mit-Turkija sakemm jiġi stabbilit min kellu jingħata l-kura u l-kustodja tagħha. F'Settembru 2006 l-intimata, *ex admissis* bil-moħbi tar-raġel, ħarbet bit-tifla lejn Malta u fid-19 ta' Ottubru 2006, il-Qorti tal-Familja fit-Turkija ordnat li l-kura u l-kustodja tkun afdata lill-missier sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri kollha fir-rigward, u meta r-raġel kien ċert li l-minuri kienet Malta, talab lill-Awtorita` Ċentrali biex tibda l-proċeduri skond il-Konvenzjoni ta' The Hague biex it-tifla tiġi ritornata lura pajjizu.

"Allura r-rikorrent wara li llokalizza lill-minuri u lill-intimata, beda l-proċeduri in kwistjoni taħt l-Att numru XXIII ta' l-1999.

"Skond l-Artiklu 3 ta' l-ewwel skeda ta' dan l-Att ir-rimozzjoni ta' minuri titqies bħala lleċita meta "*dan ikun bi ksur tad-drittijiet ta' kustodja vestit f'persuna ... taħt liġi ta' l-istat fejn il-minuri kienu soltu joqgħodu minnufih qabel ir-rimozzjoni*" u l-Artiklu 4 jgħid illi l-konvenzjoni tapplika wkoll "*għal kull minuri li kienu soltu joqgħodu fi stat kontraenti minnufih qabel ikunu inkisru d-drittijiet ta' kustodja jew aċċess.*"

"F'dan il-każ hemm diversi kwistjonijiet legali li jridu jiġu indirizzati. L-ewwelnett il-kwistjoni tal-*habitual residence*.

Ma hemmx dubju li f'ħafna każi jekk persuna tkun ilha tgħix sena f'dak il-pajjiż, tkun kunsidrata bħala abitwalment residenti f'dak il-post. Huwa wkoll ċar li fid-diversi ġurisdizzjonijiet fejn ġiet applikata din il-konvenzjoni dan il-kunċett mhux dejjem ingħata l-istess definizzjoni u fil-waqt li kien hemm Qrati li ddeċiedew illi anke residenza ta' ftit ġimgħat ikkostitwiet residenza abitwali, kien hemm oħrajn li kienu iktar esiġenti fir-rigward. Għandu jingħad illi dan il-kunċett huwa differenti minn dak ta' domiċilju fid-dritt internazzjonali privat tar-Renju Unit u li aħna applikajna f'pajjiżna għal żmien twil.

"F'dan il-każ għalkemm il-partijiet indubbjament kienu qed jgħixu t-Turkija, hemm fatt inkontestat illi l-intimata kienet *gia`* indikat lil żewġha li ma riditx tibqa' tgħix hemm u kien fi ħsiebha tiġi Malta, u dan wara sena biss jgħixu hemmhekk. Għalhekk għalkemm dan ma jindikax tibdil fir-residenza (għaliex kienet għadha ma seħħitx) jindika li l-partijiet kienu marru t-Turkija mhux tant għal skop li jibqgħu jgħixu hemmhekk iżda biex ir-raġel isib xogħol u ma jibqax ma jagħmel xejn. Madankollu dan ma jbiddilx il-fatt li fl-2006 il-partjiet u allura l-minuri kienu qegħdin jgħixu abitwalment fit-Turkija.

"Huwa wkoll paċifiku li l-iskop tal-konvenzjoni ta' Hague m'huwiex li tistabbilixxi min għandu jkollu l-kustodja tal-minuri, iżda li tirritorna lil dak il-minuri fil-post abitwali fejn jgħix biex hemmhekk jiġi deċiż min għandu jieħu din il-kustodja u jiġu stabbiliti l-kundizzjonijet fir-rigward. F'dan il-każ pero` jirriżulta fattur ieħor relevanti, u *cioe`* li r-raġel ta' l-intimat kien ħa l-liġi f'idejh meta kien f'pajjiżu ma ħalliex lill-intimata tgawdi lill-minuri. Dakinhar ma ħallihiex tiddeċiedi fejn tgħix il-minuri u dehrlu li d-deċiżjoni kellu jeħodha waħdu u arbitrarjament. Għalhekk filwaqt li l-intimata teknikament kisret il-liġi u ħadet lit-tifla minn ġurisdizzjoni għal oħra, ma jidhirx li kellha rimedju ieħor prattiku fiċ-ċirkostanzi. Fi kliem ieħor hija rrispondiet għal vjolenza bi vjolenza fis-sens li għal ksur ta' liġi rrispondiet bi ksur ta' liġi.

"Għandu jingħad ukoll illi f'Settembru 2006 ir-raġel ta' l-intimata kien għadu ma kellux deċiżjoni tal-Qorti li kellu l-

kustodja tal-minuri u din ottjeniha wara li l-intimata ġabet it-tifla Malta. Għalkemm wieħed jippresumi li kellu kustodja legali (jekk hux wahdu jew kongunta ma' l-intimata wieħed ma jistax jgħid), ma saret ebda prova legali li fil-fatt dan kien il-każ u ma nġiebet ebda prova fis-sens li l-liġi fit-Turkija tgħid hekk.

"Barra minn dan il-Qorti hija preokkupata wkoll minn fatt ieħor jekk it-tifla tmur lura t-Turkija, u dan hu li issa ilha kważi sentejn lura Malta u għal tifla ta' sitt snin dan huwa hafna. Ċaqlieq ieħor jista' jkun ta' dannu psikoloġiku notevoli.

"L-istess Att imsemmi fl-Artiklu 13 ta' l-Ewwel Skeda jipprovdi li;

"“*Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikli ta' qabel, l-awtorit`' ġudizzjarja ... m'hijiex marbuta li tordna r-ritorn tal-minuri jekk ... (b) ikun hemm riskju kbir li r-ritorn tal-minuri ser jesponih għal dannu fiżiku jew psikoloġiku jew inkella jqiegħed lill-minuri f'sitwazzjoni intollerabbli.*

*L-awtorita` ġudizzarja ... tista' wkoll tirrifjuta li tordna r-ritorn tal-minuri jekk issib li l-minuri joġġezzjona għar-ritorn tiegħu u jkun laħaq eta` u livell ta' maturita` li jkun tajjeb li wieħed jagħti każ tal-fehmiet tiegħu.*”

"Naturalment dan l-aħħar paragrafu ma japplikax, iżda jkun trawma kbir wisq għal tifla ta' sitt snin li taf titkellem biss bl-Ingliż, skond il-provi li tressqu, illi tinfatam minn ma' ommha f'dan l-istadju. Wieħed m'għandux jinkoraġġixxi dawn it-tip ta' avventuri mill-ġenituri ta' tfal żgħar u l-intimata ma għamlitx sew li ħadet il-liġi f'idejha, għalkemm kif *gia*` ingħad, fl-ambjent li kienet fih wieħed ma jagħtihx tort sa barra.

Fil-fehma tal-Qorti għalhekk rimozzjoni f'dan l-istadju joħloq lill-minuri problemi minn diversi angoli."

Rat ir-rikors ta' l-appell tad-Direttur rikorrenti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti

u minflok tordna r-ritorn tal-minuri Lara Arslon lejn it-Turkija skond il-Konvenzjoni ta' l-Aja u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata;

Rat ir-risposta ta' Josephine Arslan li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, issottomettiet li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ghandha tigi kkonfermata fis-sens li t-talba ta' l-appellant ghandha tigi michuda, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Ikkunsdirat;

Illi dawn huma proceduri a bazi tal-Konvenzjoni ta' l-Ajja dwar l-Aspetti Civili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri tal-1980 li tifforma parti mil-ligjiet ta' Malta bis-sahha ta' l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri tal-2000 (Kap. 410 tal-Ligijiet ta' Malta). Fit-termini ta' din il-Konvenzjoni, il-Qrati ta' Malta huma awtorizzati jordnaw ir-ritorn ta' minuri lejn l-Istat fejn il-minuri kien soltu joqghod minnufih qabel ir-rimozzjoni tieghu, meta dak it-tehid ikun sar bi ksur tad-drittijiet ta' kustodja vestiti f'persuna taht il-ligi ta' dak l-istess Stat. In linea generali, biex dik il-Konvenzjoni tapplika jrid jigi muri li l-minuri kienet toqghod (cioe` kellha l-"*habitual residence*") f'pajjiz iehor, u li ttiehdet illegalment minn taht il-kontroll ta' persuna li <u>skond il-ligi ta' dak il-pajjiz</u> kellu drittijiet ta' kustodja fuqha. Apparti dan, skond l-Artikolu 13 ta' l-istess Konvenzjoni, il-Qorti tista' ma tirritornax il-minuri (fil-kaz odjern it-tifla Lara) jekk il-persuna li jkollha drittijiet ta' kustodja ma tkunx attwalment qed tezercita d-drittijiet tal-kustodja fiz-zmien meta jkun tnehha l-minuri, jew jekk dik l-istess persuna "sussegwentement" baqghet siekta ghar-rimozzjoni tal-minuri, jew jekk ir-ritorn tal-minuri se jesponi lill-minuri ("ikun hemm riskju kbir") ghal dannu fiziku jew psikologiku jew inkella jqieghed lill-minuri f'sitwazzjoni intollerabbli.

L-ewwel Qorti cahdet it-talba ghar-ritorn tal-minuri in kwistjoni wara li kkunsidrat li ghalkemm ma kienx hemm dubju li t-tifla kellha l-"*habitual residence*" taghha gewwa t-Turkija qabel ma nharget minn hemm minn ommha, kien hemm dubju dwar kemm il-missier kellu l-kustodja skond il-ligi tal-minuri f'dak il-mument; li l-intimata agixxiet b'reazzjoni ghall-agir ta' zewgha meta ghal diversi gimghat cahhadha milli tara lil bintha; u li c-caqlieq tal-minuri lura lejn it-Turkija, fic-cirkostanzi, jista' ikun ta' dannu psikologiku notevoli ghall-minuri.

Id-Direttur rikorrent appella minn din is-sentenza u ressaq aggravji kontra l-motivazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti tichad ir-ritorn tal-minuri.

Il-Qorti jidhrilha li, fl-ewwel lok, ghandha titratta l-kwistjoni dwar jekk, fil-mument li l-minuri ttiehdet mit-Turkija, ir-ragel kellux il-kustodja legali tal-minuri, u ghal din il-fini sejra tassumi li l-minuri kienet soltu toqghod (jigifieri kellha l-"*habitual residence*") f'dak il-pajjiz f'dak il-mument, kif qed isostni r-rikorrent.

Din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha titratta dan il-punt l-ewwel, peress li, mill-atti, ma jirrizultax li, fil-mument opportun, il-missier kellu l-kustodja legali tal-minuri. Din hi prova li kellu jaghmel id-Direttur rikorrent, u din il-Qorti ma tista' tassumi xejn fir-rigward. Kif jinghad fil-Konvenzjoni, id-decizjoni jekk genitur kellux jew le drittitijiet ta' kustodja fuq uliedu, jiddependi mil-ligi tar-residenza solita tal-minuri, jigifieri tat-Turkija. F'dan il-kaz ma saret ebda prova li l-missier, skond il-ligi tat-Turkija, kellu drittijiet ta' kustodja fuq il-minuri. Il-prova tal-ligi barranija hi mehtiega f'dan il-kaz mhux ghall-fini ta' interpretazzjoni jew applikazzjoni ta' xi patt konvenzjonali tal-partijiet, izda ghall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni nnifisha li, skond l-Artikolu 3, japplika meta jkun hemm ksur tad-drittijiet ta' kustodja "taht il-ligi ta' l-Istat fejn il-minuri kien soltu joqghod minnufih qabel ir-rimozzjoni". Tali prova generalment issir tramite "*expert witnesses*", izda f'dan il-kaz, ghalkemm giet pprezentata stqarrija kongunta ta'

avukat Tork, A.S. Erguvan Yucel u ta' missier il-minuri[1], ma ntqal xejn dwar il-ligi Torka applikabbli fil-konfront tal-minuri.

Hu veru li, ai termini ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti tista', hi stess, taghti kaz direttament tal-ligi u tad-decizjonijiet gudizzjarji ta' l-Istat fejn il-minuri jkun soltu joqghod, minghajr ma tirrikorri ghall-proceduri specifici ghall-prova ta' dik il-ligi; pero`, f'dan il-kaz, ma gie indikat lill-Qorti xejn dwar il-ligi tat-Turkija fil-mument tar-rimozzjoni. Li jirrizulta mill-atti ta' dan il-kaz hu li l-missier ressaq applikazzjoni quddiem il-Qrati tat-Turkija biex jinghata "*interim custody*" tat-tifla, u l-Qorti tal-Familja f'dak il-pajjiz (9th Family Court), b'digriet tal-4 ta' Awissu 2006, qalet li dik it-talba tkun ikkunsidrata "*after the child is examined by a psychologist*", liema applikazzjoni u digriet jitfghu dubju fuq kemm, fil-mument tar-rimozzjoni, il-missier kien legalment vestit bi drittijiet ta' kustodja.

Kien biss wara li t-tifla ttiehdet mit-Turkija li l-Qorti Torka (l-istess 9th Family Court) b'digriet tad-19 ta' Ottubru 2006, ordnat bhala mizura provizorja "*for the common child of the parties to stay with the father*" (it-tifla kienet telqet mit-Turkija fid-9 ta' Settembru, 2006). Dwar il-punt jekk ikunx hemm "*wrongful retention*" meta d-drittijiet ta' kustodja jigu attribwiti lil genitur partikolari wara r-rimozzjoni, jidher li l-posizzjoni legali ghadha ma gietx determinata; pero`, fil-ktieb ta' Paul Beaumont u Peter McEleavy **The Hague Convention on International Child Abduction**[2] jinghad f'pagna 40 li "*it is submitted that this is an unncessary extension of the concept of retention for it serves to unilaterally make an act wrongful as the result of an ex parte application*".

Maghdud ma' dan hemm ic-cirkostanza li f'Lulju tal-2006, il-missier tat-tarbija ssekwestra t-tarbija u zammha mohbija ghal xi gimghat, u milli jidher, l-appellata ma tantx sabet ghajnuna mill-awtoritajiet biex tirrintraccja t-tifla - almenu hekk gie allegat u dan ma giex kontradett. Fin-

[1] "*Chronological order and our declarations*"
[2] Oxford University Press (1999)

nuqqas ta' prova ta' "*effective intervention*" biex tittiehed it-tifla lura, wiehed jista' jargomenta li jkun ta' hsara ghat-tifla li, f'dawn ic-cirkostanzi, tintbaghat lura t-Turkija. Dan fil-fehma tal-Qorti jista' jaghti lok ghal hsara li jkun "*of a substantial or weighty kind*".

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mid-Direttur tad-Dipartiment ghal *Standards* fil-Harsien Socjali billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jithallsu mid-Direttur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------